Kunsill Lokali **SAN PAWL IL-BAĦAR** Local Council

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 2 - IL-ĦAMIS, 14 TA' MEJJU 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar fis-19:05.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Graziella Galea | Sindku |
| | David Thake | Viċi Sindku |
| | Alfred Grima | Kunsillier |
| | Paul Bugeja | Kunsillier |
| | Matthew Barbara | Kunsillier |
| | Stephen Cremona | Kunsillier |
| | Anne Fenech | Kunsillier |
| | Robert Piscopo | Kunsillier |
| | Joseph Vella | Kunsillier |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| | Daniel Grima | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Raymond Tabone | Kunsillier |
| | Mandy Buhagiar | Kunsillier |

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillieri Tabone u Buhagiar kienu infurmaw li ma setgħux jattendu għal-laqgħa. Kopja tal-emails annessi f'A.

**2. SOSPENSJONI TAL-AĠENDA**

2.1. Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel li jissospendi l-aġenda biex jiltaqa' mas-Supretendent tad-Distrett is-Sur Martin Bayliss. Il-laqgħa tal-Kunsill kompliet fit-19:45.

**3. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

3.1. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku biex il-minuti jkunu emendati kif ġej:

3.2. Mill-paragrafu bit-titlu "Norwegian Grants" tinbidel it-tielet sentenza b'dan it-test "Hija qalet li staqsiet jekk hux possibli li jmorru żewġ kunsilliera minħabba li l-

Aġent Segretarju Eżekuttiv kien ser jispiċċa, u li s-Sur Adrian Mifsud ikkonferma li ma jsibx oġġezzjoni. Kien hemm qbil li jmorru żewġ kunsilliera, wieħed minn kull partit politiku."

3.3. L-aħħar sentenza tal-istess paragrafu tinbidel għal "Ġie deċiż li jekk is-Sindku ma tkunx tista' tattendi hi tiddelega lil kunsillier ieħor."

3.4. Fl-aħħar tal-paragrafu "Cleanup – Let's do it" tiżdied is-sentenza "L-attivita' għandha ssir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali."

3.5. Fl-aħħar tal-paragrafu bit-titlu "Tabelli tat-toroq ġodda minn Blues Ltd" tiżdied is-sentenza "Ġie deċiż mill-Kunsill Lokali li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lil Blues Ltd. biex jieqaf mit-twaħħil ta' tabelli immedjatament sakemm jingħata direzzjoni mod ieħor."

3.6. Fl-aħħar tal-paragrafu bit-titlu "Għotja ta' Kotba" tiżdied is-sentenza "Kien hemm qbil li jekk dan hu fil-parametri tal-liġi dan għandu jsir."

3.7. Il-minuti imbagħad kienu approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku Graziella Galea u mill-Aġent SE Paul Gatt.

3.8. Il-Kunsillier Bugeja ġibed l-attenzjoni dwar it-tabelli li qed jitwaħħlu minn Blues Ltd. Intqal li m'għandhomx isiru aktar ostakli fuq il-bankini u għalhekk ix-xogħol għandu jieqaf. Madanakollu għandha ssir evalwazzjoni tal-ftehim li hemm ma' Blues Ltd.

3.9. Il-Viċi Sindku informa li kien qiegħed jaħdem u jikkomunika dwar id-domain tal-website tal-Kunsill biex ikun jista' jaġġorna l-website madankollu l-Aġent SE preċedenti kien għadu m'għaddiex id-dettalji biex il-Viċi Sindku jkun jista' jaħdem. F'dan ir-rigward il-Kunsillier Bugeja staqsa jekk jistax ikun hemm konflitt ta' interess mill-Viċi Sindku iżda intqal li l-Viċi Sindku kien qiegħed jagħmel dan ix-xogħol bla ħlas u għalhekk m'hemm l-ebda konflitt.

3.10. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni għall-fatt li jista' jkun hemm każ ta' abbuż minħabba l-fatt li xi emails qed jgħaddu mill-website u għalhekk min għandu l-aċċess jista' jkun qed jikkontrollahom.

3.11. Dwar l-għotja tal-kotba l-Kunsillier Fenech ippreżentat lista ta' kotba meħtieġa. Kien hemm qbil li jinġiebu stimi mingħand suppliers differenti.

## 4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU/KORRISPONDENZA

4.1. Dwar ittra mingħand il-Kumitat Festa Marija Addolorata l-Kunsill qabel li jippubblika reklam fuq il-ktieb tal-festa liema reklam jiswa €120.

4.2. Il-Kunsill qabel ukoll li jippubblika reklam fuq il-ktieb tal-festa tas-Soċjetà Mużikali San Pawl liema reklam jiswa €90.

4.3. Is-Sindku infurmat li kienet waslet ittra mingħand il-MEPA rigward il-proġett fi Triq l-Iskola liema ittra titlob il-ħlas ta' €150 bħala penali qabel ma joħroġ il-permess. Il-Kunsill qabel li jitħallsu.

4.4. F'dan il-ħin issemma l-ħtieġa li jkun hemm sistema li l-korrispondenza kollha tkun irreġistrata minħabba li jidher li dan ma kienx isir. Il-Viċi Sindku offra li jgħin fl-amministrazzjoni biex ikun hemm kontroll f'dan ir-rigward.

4.5. Il-Kunsill kien infurmat li s-Sur Salvu Galea kien talab għal permess għal luna park fejn il-klabb tal-boċċi ta' Buġibba. Huwa kien ġie bil-permess tad-Dipartiment tal-

Artijiet. Il-Kunsillier D Grima spjega r-regolmenti tal-MEPA li jirregolaw strutturi temporanji li jekk jeċċedu l-120 ġurnata jkunu jeħtieġu permess. Il-Kunsillier A Grima esprima l-preokkupazzjoni tiegħu għall-fatt li jonqos ħafna l-parkeġġ. Il-Kunsillier D Grima semma l-importanza li jkollu numru ta' kundizzjonijiet.

4.6. F'dan il-ħin il-Kunsillier Bugeja staqsa jekk hux possibli li jitwaqqaf. Intqal li la darba għandu l-permess mid-Dipartiment tal-Artijiet, allura l-Kunsill ma jistax iwaqqfu.

4.7. Il-Kunsill ħa vot dwar jekk għandux ikun hemm oġġezzjoni għal dan. Kulħadd kien favur li ma jkunx hemm oġġezzjoni li jarma bħas-snin ta' qabel ħlief il-Kunsillier A Grima li vvota kontra filwaqt li l-Kunsillier Barbara kien qiegħed barra mil-laqgħa.

4.8. Kien hemm qbil ukoll li s-Sur Galea jkun mitlub jirranġa ż-żona ta' ħdejh.

4.9. Is-Soċjetà Mużikali San Pawl talbu li l-bankina ta' quddiem il-Każin terġa ssir kif kienet u ċaħdu li qatt talbu biex il-bankina tiċkien. Il-Kunsillier Bugeja semma li kien hemm indikat fuq il-minuti li d-deċiżjoni tal-Kunsill kienet li l-bankina trid tibqa' kif inhi għalhekk id-deċiżjonijiet għandhom ikunu rispettati. Il-Viċi Sindku irrimarka wkoll li dan wassal għal ħela ta' flus. F'dan il-ħin is-Sindku bdiet tipprova tfittex fil-minuti preċedenti sabiex taqra l-minuta rigward dan is-suġġett. Intqal ukoll li fil-permess li nħareġ għal dan ix-xogħol kien hemm imniżżel "to repair footpath" meta fil-fatt il-bankina ċkienet.

4.10. Il-Kunsillier Bugeja ippropona li l-bankina terġa tiġi kif kienet filwaqt li s-Sindku ssekondat. Il-Kunsillier A Grima esprima li fin-nuqqas ta' finanzi il-flus għandhom jintużaw skont prijoritajiet. Meta ttieħed vot, il-proposta għaddiet bi tnejn kontra (A Grima u M Barbara) u l-kumplament, ħlief il-Kunsillier Fenech li kienet barra mil-laqgħa, favur.

4.11. Il-Viċi Sindku talab li l-Aġent SE jitlob spjegazzjoni dwar min kien responsabbli għal dan ix-xogħol kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill.

4.12. Tressqet talba biex isiru seba' units ta' xkaffar għal-librerija. Kien hemm qbil li jintalbu stimi.

4.13. F'dan il-ħin instabet il-minuta li tirreferi għax-xogħol fuq il-bankina imsemmija fuq (punt 4.9). Kif is-Sindku bdiet taqra l-minuta msemmija, il-Kunsillier A Grima ilmenta li s-Sindku kienet out of order. Madanakollu s-Sindku infurmat li, la darba kien fl-interess tal-Kunsill li jkun aċċertat li dik il-minuta teżisti, hija se taqraha għas-sodisfazzjon tal-Kunsill.

4.14. Is-Sindku ippreżentat l-ittra tal-ħatra tal-Aġent SE. Il-Kunsillier A Grima staqsa min għamel it-talba biex jinbidel l-Aġent SE u għaliex la darba s-Sur Gatt xorta kellu ħin limitat x'iservi fil-Kunsill. Is-Sindku wieġbet li ma ħarġet l-ebda talba mill-email tal-Kunsill filwaqt li l-Aġent SE preċedenti kien offra li jkompli biss kontra numru ta' kundizzjonijiet filwaqt li nfurmaha li mill-bidu ta' Mejju kien ser jaħdem full time f'post ieħor. Il-Kunsillier Bugeja staqsa dwar il-ħlas tal-Aġent SE u kif se jitħallas hu. L-Aġent SE informa li l-informazzjoni li waslitlu kienet li l-Aġent SE preċedenti s-Sur Frans Chircop kien jitħallas daqs SE full time iżda huwa kien se jitħallas biss skont is-siegħat li jaħdem. Is-Sindku infurmat li qabel spiċċa s-Sur Chircop ħa performance bonus sħiħ meta dan suppost ikun approvat mid-Dipartiment. Hija infurmat li kien intalab mid-term audit. Is-Sindku infurmat ukoll li hemm indikat f'wieħed mill-minuti li s-Sur Chircop, matul l-aħħar xhur, kellu

jaħdem biss bejn jumejn u tlett ijiem fil-ġimgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar..

4.15. Il-Kunsillier Bugeja staqsa fuq id-deficit tal-Kunsill filwaqt li kien infurmat li s-sitwazzjoni tkun ikkonfermata hekk kif isir il-mid-term audit.

## 5. TQASSIM TA' RESPONSABBILTAJIET U L-ĦIDMA BEJN IL-KUNSILLIERI

5.1. Is-Sindku ressqet il-proposti tagħha kif għandhom jitqassmu r-responsabbiltajiet fid-diversi oqsma tal-Kunsill.

5.2. Il-Kunsillier A Grima esprima x-xewqa tiegħu li dawn ikunu mgħoddija lill-Kunsillieri qabel ma ntbagħtu iżda s-Sindku wieġbet li dan ma kienx possibli.

5.3. Is-Sindku qrat il-lista.

5.4. Il-Kunsillier A Grima informa li huwa kien se jiltaqa' mal-grupp tal-Kunsillieri Laburisti qabel ma jieħu d-deċiżjoni.

5.5. Is-Sindku infurmat ukoll li l-Kunsillier Barbara, jekk jaċċetta, għandu jaħdem ukoll mal-Kunsillier Vella fuq il-karigi taż-żgħażagħ u tal-isports.

5.6. Meta s-Sindku staqsiet lill-Kunsillieri jekk jaċċettawx il-karigi kif assenjathom, ħlief għall-Kunsillieri A Grima u Barbara, kulħadd aċċetta. Dawk li aċċettaw irringrazzjaw lis-Sindku tal-fiduċja li wriet fihom. Il-Kunsillier A Grima informa li se jinforma lill-Kunsill aktar il-quddiem jekk hux se jilqa' l-karigi assenjati lilu jew le.

## 6. AĠĠORNAMENT

6.1. Il-Kunsillier A Grima ippropona li l-bandli tal-Veċċ ikunu aġġornati. Kien hemm qbil li għandhom jagħmlu żjara hu u l-Kunsillier Bugeja iżda kull tip ta' spejjeż dejjem ikunu suġġetti għall-fondi disponibbli.

6.2. Il-Kunsillier Cremona informa dwar il-funtana li għandha bżonn titnaddaf fl-istess bandli.

6.3. Il-Kunsillier A Grima semma l-un/loading bays u ssuġġerixxa li jkun hemm lista biex il-Kunsill jiddeċiedi aħjar meta jkun hemm talbiet ġodda. Dwar dan il-Kunsillieri D Grima u Cremona se jindagaw u jevalwaw jekk hemmx każijiet ta' abbużi.

6.4. Il-Kunsillier A Grima ippropona li jekk Crown Hotel m'għandux il-permessi meħtieġa għall-bankina kif inhi għandha titneħħa. Il-Kunsillier Bugeja informa li dik kinet waħda mill-bankini li saru fil-passat u li, kontra kif ġieli kien allegat, kellhom il-permessi meħtieġa.

6.5. Il-Kunsillier D Grima semma allegat problemi fi Triq San Ġorġ li jinkludu ħmieġ, sewqan eċċessiv u bżonn ta' MC bay. Informa wkoll li fejn l-iskola qed ikun hemm irwejjaħ ta' drenaġġ.

6.6. F'dan il-ħin il-Kunsillier Piscopo ħareġ mil-laqgħa. Il-ħin kien id-21:20.

6.7. Il-Kunsillier Fenech infurmat li kienet waslet talba mingħand Maria Mcvey dwar attività ta' karità li xtaqet torganizza fis-6 u s-7 ta' Ġunju. Għal din kien meħtieġ l-għeluq tat-triq. Kien hemm qbil li għandhom jindagaw jekk l-għeluq ikunx se joħloq problema filwaqt li jaċċertaw li wara jsir it-tindif meħtieġ.

6.8. Il-Kunsillier Vella semma l-Berġa għaliex dik li hemm preżenti mhux addattata li tkun fid-day centre.

6.9. Il-Kunsillier Bugeja semma l-bżonn li l-Kunsill jaħseb biex ikollu servizz ta' ġbir ta' vetturi. Madanakollu kien suġġerit li dan is-suġġett possibilment jiġi diskuss fil-Kumitat Reġjonali.

6.10. Il-Kunsillier Bugeja informa li kien hemm problema b'tappiera fejn tal-ħaxix fix-Xemxija minħabba li hija għolja u li spiss qed ikun hemm vetturi li jaħbtu magħha għax tesporġi 'l barra. Kien hemm qbil għalhekk li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni sabiex din il-parti titwal u jiġu evitati inċidenti.

6.11. Il-Kunsillier Bezzina semmiet il-ħarġiet għall-anzjani. L-Aġent SE fakkar li l-Kunsill ma jistax jonfoq flus fuq ħarġiet u għalhekk il-Kunsill jista' biss ikun l-organizzatur iżda jrid jaħdem b'sistema ta' miżati li permezz tagħha jirkupra l-ispejjeż.

6.12. Is-Sindku semmiet il-problema tal-latrini u li l-Awtoritajiet tas-Saħħa kienu ordnaw lill-Kunsill biex jagħmel xi manutenzjoni u tindif immedjat. Is-Sindku fakkret ukoll li t-tindif qiegħed isir b'servizz permezz ta' kwotazzjonijiet li beda fl-aħħar tas-sena l-oħra u li diġà suppost skada.

6.13. Il-Kunsillier A Grima informa li kellu informazzjoni li l-Gvern Ċentrali għażel is-sitt latrini ta' San Pawl il-Baħar biex jgħaddu għand il-privat. Huwa staqsa jekk kienx hemm xi direzzjoni uffiċjali min-naħa tal-Ċentrali dwar dan.

6.14. Issemmew id-dwal ġodda li hemm fejn l-iskola li allegatament ilhom ma jixgħelu. Ma kienx magħruf jekk dawn kienux tal-Gvern jew le.

6.15. Is-Sindku ressqet informazzjoni li intbagħatet mid-DLG dwar l-iskema tar-restawr - Memo 11/2015.

6.16. L-Aġent SE informa li kien ikun aħjar jekk il-project leader assenjat mal-proġett tal-outdoor gym jinbidel. Il-Kunsill għalhekk qabel li l-project leader għandha tkun is-Sindku Graziella Galea.

6.17. L-Aġent SE fakkar ukoll li kien għad fadal flus x'jintefqu minn dawk allokati għall-proġett iżda x-xogħol kif kien ippjanat tlesta kollu. Kien hemm possibiltà li l-Managing Authority tagħti l-permess biex isiru xogħlijiet oħra iżda dwar dan kien meħtieġ b'mod urġenti li ssir BOQ ġdida. Kien hemm qbil li l-Kunsillier D Grima jingħata kopja tal-BOQ oriġinali ħalli jiċċekkja jekk jistax jinkludi xi xogħol jew oġġetti oħra.

6.18. Hawnhekk il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa. Il-ħin kien id-21:55. Il-Kunsill qabel ukoll li l-laqgħa li jmiss jagħmilha l-Erbgħa 10 ta' Ġunju 2015 fis-19:00.

| | |
|---|---|
| **Graziella Galea** | **Paul Gatt** |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |